MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2012

Numru. 1329/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Jessica Grima**
**vs**
**Agnes Borg**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Agnes Borg bint Emmanuele u Carmela nee' Schembri imwielda fis-27 ta' Marzu 1950 f'Haz-Zebbug u residenti 'Marina' 34, Triq Dun Filippu Calleja, Zebbug Tel: 98110216/27024225 u detentrici tal-karta tal-identita' numru 364850(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli:

Fil-05 ta' Lulju 2010, ghall-habta tas-06:30hrs gewwa Triq il-Wileg, SPB:

(1) Saqet vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAT-595, u b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-

reglamenti tat-traffiku, habtet ma vettura nru BBL-138 w involontarjament ikkagunat hsara ghad-dannu ta’ Bosede Bolonle Folorunso.

(2) Waqt li kienet qed issuq l-imsemmija vettura naqset li tnaqqas l-ispeed u tieqaf u taghti d-dritta lill-vettura ohra kif hemm indikat b’sinjal tat-traffiku ‘Give Way’

(3) B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkagunat offizi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Maria Farrugia skond kif iccertifika Dr. Michael Spiteri M.D. mill-MDH.

(4) B’nuqqas ta’ hsieb u bi traskuragni ghamlet hsara fuq propjeta’ ta’ Maria Carmela Mamo.

Il-Prosekuzzjoni titlob lil Qorti li hija tigi skwalifikata mill-licenzji kollha taghha tas-sewqan ghal-perjodu ta’ zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-2 ta’ Frar 2012 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq sabiex jekk trid terga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietha it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputata, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputata rregistrat ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, l-fatt li l-assikurazzjoni tal-imputata accettat ir-responsabilita’ u

qeghda fil-process li thallas lill-vittma ghad-danni minnha sofferti u kkunsidrat l-fatt ukoll l-eta’ avvanzata tal-imputata.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 226 u 328 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Reoglamenti tal-Legal Notice 129/90, l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u tikkundannaha multa ta’ hames mitt ewro (€500).

Il-Qorti inoltre qed tordna s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-imputata ghal zmien xahar millum.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tordna li l-atti kollha ta’ dan il-process flimkien ma kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------